MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 2257/1997/1

**Frederick, John u Martin Testaferrata di Noto.**

**vs**

**Pawlu Fenech u b' digriet tal-20 ta' Novembru 1998 il-gudizzju tal-kawza gie trasfuz fil-persuni ta' Lorenzo Fenech, Nazzareno Fenech, Joseph Fenech, Salvu Fenech, Angelo Fenech, Antonia Cassar, Jesmond Fenech, Carmen Bugeja, Francis Attard, Tarcisio Bongailas, Antoinette Mizzi, Angelo Desira, Joseph Desira, John Desira, Frances Bugeja, Catherine Mifsud Bonnici, Carmelo Desira, Anthony Desira, Gaetano Desira, Alfred Dalli, Joseph Dalli, John Dalli, Nazzareno Dalli, Cettina Camilleri, Frances Casha, Doris Degabriele minflok il-konvenut Pawlu Fenech li miet fil-mori tal-kawza.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 3 ta' Ottubru 1997 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi meta miet Federico Testaferrata de Noto fl-1935 intestat, l-eredita` tieghu, li kienet tikkonsisti f'diversi kwoti ndivisi ta' proprjeta` in komun ma' hutu ohra, ddevolviet fuq l-erba' uliedu: Francesco, Benadetta, Giuseppina u Vincenza mill-ewwel zwieg ma' Antonia nee` Borg u fuq l-erba' uliedu l-ohra: Vincenzo, Emanuel, Mary u Alfio mit-tieni zwieg ma' Aloisia nee` Attard.

Illi Alfio Testaferrata de Noto, bin il-mejjet Federico u Aloisia Testaferrata de Noto miet fl-1943 guvni bla testament, wirtuh hutu kollha nkluza ommu Aloisia, li kienet ghadha hajja fil-mument tal-mewt tieghu u ghaldaqstant Aloisia Testaferrata de Noto giet ko-eredi ma' l-ulied kollha msemmijin hawn fuq.

Illi b'kuntratt fil-atti tan-Nutar Antonio Galea tas-6 ta' Marzu 1965, Vincenzo u Vincenza ahwa Testaferrata de Noto bieghu u ttrasferixxu a favur Pawlu Fenech d-drittijiet taghhom kollha ereditarji, provenjenti lill-istess cedenti mis-successjoni tal-imsemmi mejjet missierhom Federico Testaferrata de Noto u kif l-istess drittijiet ereditarji ghaddew in parti lill-istess cedenti mis-successjonijiet ta' Francesco Testaferrata de Noto li miet guvni bla testament fl-1939 u ta' Alfio Testaferrata de Noto li miet guvni bla testament fl-1943, f'liema successjonijiet kienu jinkludu il-proprejta` msemmija f' dak il-kuntratt.

Illi Emanuel Testaferrata de Noto hu Vincenzo u Vincenza Testaferrata de Noto u ko-eredi fl-ereditajiet imsemmija fil-kuntratt tas-6 ta' Marzu 1965, ghamel kawza biex jigi deciz u ddikjarat illi huwa ghandu dritt li jirkupra minghand Pawlu Fenech l-istess drittijiet ereditarji u proprjeta' lilu ceduti fil-kuntratt imsemmi, liema kawza kienet giet ceduta fl-1 ta' Dicembru 1968 bi ftehim bejn Pawlu Fenech u Emmanuel Testaferrata de Noto. Konsegwentement permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar George Cassar fis-7 ta' Dicembru 1968, Pawlu Fenech biegh lura nofs indiviz

tad-drittijiet ereditarji u proprejta` li xtara fil-kuntratt imsemmi tas-6 ta' Marzu 1965 lil Emmanuel Testaferrata de Noto.

Illi Vincenzo Testaferrata de Noto miet fl-1971 u kellu tlett itfal li huma Fredrick, John u Martin.

Illi Aloisia Testaferrata de Noto, omm Vincenzo, mietet fl-1975 bla testament, wirtuha wkoll ulied Vincenzo, l-atturi f' din il-kawza, in rapprezantanza ta' missierhom.

Illi l-aljenanti fil-kuntratt tas-7 ta' Dicembru 1968 ma ntimawx il-ko-eredi b' Att gudizzjarju u ghalhekk ma giex osservat dak li hemm dispost fl-**artikolu 912 tal-Kodici Civili**, u ghalhekk Fredrick, John u Martin ahwa Testaferrata de Noto, l-atturi, bhala eredi ta' Aloisia Testaferrata de Noto u ko-eredi fl-ereditajiet imsemmija ghandhom id-dritt li jeskludu lill-barrani, cessjonarju ta' kwota ereditarja, milli jippartecipa maghhom fid-divizjoni tal-wirt, billi jisvestuh mid-drittijiet successorji minnu akkwistati u jiehu postu fl-istess drittijiet.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara ghar-ragunijiet premessi, u *stante* li ma giex osservat dak li hemm dispost fil-Kodici Civili, li l-atturi bhala uhud mill-eredi ta' Aloisia Testaferrata de Noto u ko-eredi fl-ereditajiet imsemmija ghandhom id-dritt li jeskludu lill-barrani Pawlu Fenech, cessjonarju ta' kwota ereditarja mill-wirt ta' Vincenzo u Vincenza Testaferrata de Noto, milli jippartecipa maghhom fid-divizjoni tal-wirt, billi jisvestuh mid-drittijiet successorji minnu akkwistati u jiehdu postu fl-istess drittijiet, u dan ghal dak li tirreferi t-transazzjoni tas-7 ta' Dicembru 1968, fuq imsemmija bejn il-konvenut u Emmanuel Testaferrata de Noto.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni flimkien mal-lista tax-xhieda ta' l-atturi a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-11 ta’ Gunju 1998.

Rat ir-rikors tal-attur datat 22 ta’ April 1998 u d-digriet datat 2 ta’ Gunju 1998.

Rat ir-rikors ta’ Lorenzo Fenech, Nazzareno Fenech, Joseph Fenech, Salvu Fenech, Angelo Fenech, Antonia Cassar, Jesmond Fenech, Carmen Bugeja, Francis Attard, Tarcisio Bongailas, Antoinette Mizzi, Angelo Desira, Joseph Desira, John Desira, Francis Bugeja, Catherine Mifsud Bonnici, Carmelo Desira, Anthony Desira, Gaetano Desira, Alfred Dalli, Joseph Dalli, John Dalli, Nazzareno Dalli, Cettina Camilleri, Frances Casha, Doris Degabriele datat 17 ta’ Novembru 1998 a fol 20 tal-process fejn l-esponenti filwaqt li ddikjaraw li ghandhom interess fil-kawza, talbu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna li l-atti tal-kawza jigu trasfuzi fil-persuni taghhom; u l-Qorti laqghet it-talba u ordnat it-trasfussjoni tal-gudizzju f’ isem ir-rikorrenti b’digriet moghti fl-20 ta’ Novembru 1998 (fol.29).

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ Lorenzo Fenech, Nazzareno Fenech, Joseph Fenech, Salvu Fenech, Angelo Fenech, Antonia Cassar, Jesmond Fenech, Carmen Bugeja, Francis Attard, Tarcisio Bongailas, Antoinette Mizzi, Angelo Desira, Joseph Desira, John Desira, Francis Bugeja, Catherine Mifsud Bonnici, Carmelo Desira, Anthony Desira, Gaetano Desira, Alfred Dalli, Joseph Dalli, John Dalli, Nazzareno Dalli, Cettina Camilleri, Frances Casha, Doris Degabriele datata 21 ta’ Dicembru 1998 a fol. 33 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi fl-ewwel lok il-preskrizzjoni ta’ ghaxar snin kif ukoll dik ta’ tletin sena *stante* l-kuntratt b’liema xtara Paolo Fenech, u cioe` dak tas-6 ta’ Marzu 1965.

2. Fit-tieni lok, u bla pregudizzju ghas-suespost illi l-konvenuti issa preskrivew f’isimhom.

3. Fit-tielet lok u bla pregudizzju ghas-suespost, illi l-aljenazzjoni in kwistjoni hija valida fil-ligi.

4. Fir-raba’ lok u bla pregudizzju ghas-suespost, illi d-dritt taht l-**artikolu 912 tal-Kap 12** m’ghadux jispetta lill-atturi *stante* li ma ezercitawx id-dritt fit-terminu prefiss lilhom.

5. Fil-hames lok u bla pregudizzju ghas-suespost, illi gia` saret divizjoni parzjali ta’ l-eredita` in kwistjoni u ghaldaqstant id-dritt ta’ rkupru ma ghandux jispetta lill-atturi.

6. Fis-sit lok u bla pregudizzju ghas-suespost illi d-dritt ta’ rkupru skond l-**artikolu 912** ma huwiex ezercitabbli kontra l-konvenuti *stante* li huma wirtu minghand dak li kien akkwista l-kwota ereditarja in kwistjoni.

7. Fi kawlunkwe kaz, l-atturi ghad ghandhom jippruvaw it-titolu vantat minnhom.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta’ l-intimati a fol. 35 u 36 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti inkluz dak tat-23 ta’ Jannar 2002.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri tal-15 ta’ Novembru 1999 sat-3 ta’ Mejju 2000.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna mit-18 ta’ Marzu 2002 sa l-4 ta’ Ottubru 2002.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri mill-31 ta’ Jannar 2003 sal-14 ta’ Dicembru 2005.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-atturi datata 31 ta’ Lulju 2007 a fol. 244 tal-process

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuti datata 27 ta’ Settembru 2007 a fol. 254 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti fejn fis-seduta tal-24 ta’ Ottubru 2007 il-kawza baqghet ghas-sentenza ghat-30 ta’ April 2008 u wara thalliet ghas-sentenza ghas-6 ta’ Mejju 2008.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi l-fatti li taw lok ghall-kawza odjerna huma li Francesco Testaferrata de Noto miet fl-1935 u wirtuh it-tmien uliedu, erba’ mill-ewwel zwieg, u tnejn mit-tieni zwieg. L-atturi huma wlied Vincenzo, wiehed mill-ulied tat-tieni zwieg, u wirtu sehem mill-wirt bhala eredi ta’ Vincenzo.
Illi jirrizulta li l-istess Vincenzo u ohtu Vincenza, ahwa mill-istess missier cedew kull sehem li huma kellhom mill-proprjeta’ provenjenti mill-wirt ta’ missierhom Federico de Noto (+1935) inkluz dik il-parti tal-proprjeta’ li kienet parti mill-assi ereditarji tal-istess decujus izda provenjenti lilhom mis-successjoni konsegwenti ghall-mewt ta’ Francesco Testaferrata de Noto (+ 30 ta’ April 1939) u ta’ Alfio (+15 ta’ Gunju 194 ) u din ic-cessjoni saret lil Pawlu Fenech b’kuntratt datat 6 ta’ Marzu 1965.

Illi Emanuel Testaferrata de Noto, wiehed mill-ulied tat-tieni zwieg ta’ Francesco ghamel kawza kontra Pawlu Fenech biex jeskludih mis-sehem li kien xtara mill-wirt u dan skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 912 tal-Kap 16.**

Illi din il-kawza giet transatta tant li b'kuntratt datat 6 ta' Dicembru 1968 Pawlu Fenech biegh lill-istess Emanuel Testaferrata de Noto is-sehem indiviz ta' nofs tal-proprjeta' kollha li kien akkwista minghand Vincenzo u Vincenza Testaferrata de Noto bil-kuntratt tas-6 ta' Marzu 1965 u fil-fatt fl-istess kuntratt hemm specifikati u identifika wkoll il-proprjeta' immobbli li s-sehem taghha gie hekk trasferit.

Illi issa l-atturi qed jghidu li huma ghandhom il-jedd jiehdu sehem bl-irkupru u dan skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 912** u ghalhekk ghamlu din il-kawza kontra Pawlu Fenech fuq il-kuntratt datat 6 ta' Dicembru 1965.

Illi l-istess **artikolu 912** jipprovdi li:-

*912 (1) "Jekk wiehed mill-werrieta jkun ceda b'titolu oneruz, il-jeddijiet tieghu fuq il-wirt ta' xi hadd li ma jkunx ukoll werriet, il-werrieta l-ohra jew wiehed jew izjed minnhom jistghu jeskludu lic-cessjonarju, allavolja dan ikun qarib tal-mejjet, mill-qasma, billi jhallsu lilu l-prezz tac-cessjoni, l-ispejjez li jkun ghamel ghal dik ic-cessjoni, u l-imghaxijiet fuq il-prezz minn dak in-nhar li dak il-prezz ikun gie mhallas minnu lic-cedent"*

(2) *"Il-jedd li ghandhom il-werrieta l-ohra kif jinghad hawn fuq, jispicca wara xahar min-notifika li ssir lilhom ta' dik ic-cessjoni, kemm-il darba f'dak iz-zmien huma ma jiddikjarawx li jridu jezercitaw dak il-jedd".*

(3) *"Meta wiehed mill-werrieta jkun ezercita' dak il-jedd, il-werrieta' jistghu jinghaqdu mieghu, basta li jiddikjaraw dan fi zmien hmistax-il gurnata min-notifika maghmula minnhom".*

(4) "*Dawn in-notifiki u d-dikjarazzjoni ghandhom jsiru b'att gudizzjarju".*

Illi minn din id-disposizzjoni jirrizulta li dawk il-werrieta li ghandhom id-dritt li jezercitaw l-irkupru successorju jistghu jaghmlu dan meta *"wiehed mill-werrieta jkun ceda b'titolu oneruz il-jeddijiet tieghu fuq il-wirt lil xi hadd li ma*

*jkunx ukoll il-werriet"* u allura *se mai* dan il-pretiz dritt ta' l-atturi fuq il-wirt ta' Francesco Testaferrata de Noto ma setghax u ma jistax jigi applikat fil-konfront tal-kuntratt datat 6 ta' Dicembru 1968 (Dok. "A" – fol. 51) bejn Pawlu Fenech u Emmanuel Testaferrata de Noto u dan peress li kull ma sar f'dak il-kuntratt kien li Pawlu Fenech, li ma huwiex werriet, biegh lill kompratur nofs indiviz ta' dak li gew indikati bhala d-drittijiet ereditarji u proprjetajiet imobbiljari ndikati fl-istess kuntratt (fol. 77) u li kienu trasferiti lilu bil-mod hemm deskritt fil-kuntratt bejn l-istess Vincent Testaferrata de Noto u ohtu Vincenza Testaferrata de Noto datat 6 ta' Marzu 1965.

Illi ghalhekk l-istess dritt ta' rkupru successorju jista' jigi ezercitat biss meta *"werriet"* jittrasferixxi sehem mill-wirt li fih l-atturi ghandhom interess lill-terzi persuni mhux involuti fl-istess wirt, mentri f'dan il-kaz, il-kuntratt li fuqu saret il-kawza hemm trasferiment tal-proprjeta' indikata fl-istess kuntratt, mhux minn werriet izda minn terza persuna, cioe' Pawlu Fenech, li certament ma huwiex werriet. Ghalhekk l-azzjoni attrici in kwantu hija diretta ghall-kuntratt datat 7 ta' Dicembru 1968 ma tistax tirnexxi u dan peress li l-**artikolu 912** ma japplikax ghal dak il-kuntratt u dan proprju ghaliex fl-istess kuntratt l-ebda werriet ma' ceda d-dritt tieghu fuq xi wirt.

Illi fil-fatt l-istess Pawlu Fenech, il-venditur f'dan il-kuntratt, ma huwiex il-werriet li ceda d-drittijiet spettanti lilu minn xi wirt, izda terz venditur li bhala proprjatarju tad-drittijiet minnu akkwistati bil-kuntratt pubbliku medessimu datat 6 ta' Marzu 1965 agixxa sabiex biegh parti indiviza mill-istess. Dan il-kuntratt tas-6 ta' Marzu 1965 ma huwiex il-mertu ta' din il-kawza, kif fil-fatt tindika l-ewwel talba attrici bl-iktar mod car u dan ghaliex hemmhekk hemm riferenza biss ghall-kuntratt datat 7 ta' Dicembru 1968. Ghalhekk fuq din il-bazi l-azzjoni attrici qed tigi michuda.

Illi dan huwa konsistenti ma' dak li gie deciz fis-sentenza **"Emanuel Schembri nomine vs Paul Camilleri et"** (A.C. 12 ta' Gunju 2001) fejn inghad li l-**artikolu 912 tal-Kap 16** huwa *"desposittiv eccezzjonali, li hu ta' applikazzjoni ristrettissima, jghodd fil-kaz meta wiehed*

*mill-werrieta jkun ceda, b'titolu oneruz, il-jeddijiet tieghu fuq il-wirt lil xi hadd li ma jkunx werriet"* u f'dan il-kaz ma hemm l-ebda dubju li fil-kuntratt tas-7 ta' Dicembru 1968 l-ebda werrieta ma ceda xi dritt, kien x'kien ghall mument id-dritt lill xi hadd li ma kienx werriet. Fil-fatt c-cessjonarju Pawlu Fenech mhux werriet u dan lanqas qatt ma gie kontestat mill-partijiet f'din il-kawza.

Illi dan gie wkoll indikat fid-decizjoni datata 26 ta' Mejju 2006 mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Frederick De Noto et vs Emmanuel Testaferrata De Noto et"** fejn proprju fuq l-istess kuntratt datat 7 ta' Dicembru 1968 gie nnutat u sottolineat li dan kien kuntratt fejn *"Pawlu Fenech biegh lura nofs indiviz tad-drittijiet ereditarji u proprjeta' li xtara fil-kuntratt imsemmi tas-6 ta' Marzu 1965 lil Emanuel Testaferrata de Noto"* u la darba fl-istess citazzjoni (bhal dik odjerna) jinghad li *"l-aljenanti fil-kuntratt tas-7 ta' Dicembru 1968 ma ntimax il-ko-eredi b'Att gudizzjarju u ghalhekk ma giex osservat dak li hemm dispost fl-art. 912 tal-Kodici Civili........ma jistax jinghad li l-imsemmi kuntratt tas-7 ta' Dicembru 1968 jidhol fil-parametri tas-subartikolu (1) u (2) ta' l-Artikolu 912 tal-Kodici Civili .......................ghaliex, certament, mhux il-kaz illi permezz ta' l-istess kuntratt "... wiehed mill-werrieta* (sottolinear ta' din il-Qorti) *....ceda il-jeddijiet tieghu fuq il-wirt lil xi hadd li ma jkujnx werriet....".* Infatti f'dan il-kuntratt il-konvenut odjern ma huwiex werriet, waqt li l-werriet kien l-akkwirent. Dan jikkonferma li l-**artikolu 912** ma japplikax ghall kuntratt datat 7 ta' Dicembru 1968.

Illi mhux hekk biss izda din il-Qorti ma thossx lanqas li l-atturi jistghu jagixxu abbazi ta' l-**artikolu 912 (2) u (3)** sabiex iressqu l-azzjoni odjerna fil-konfront tal-istess kuntratt tas-7 ta' Dicembru 1968 u dan peress li tali dritt ta' rkupru successorju huwa dejjem indirizzat unikament ghall kuntratt ta' cessjoni ta' sehem mill-wirt *da parte* ta' wiehed mill-werrieta, u dan huwa naturali b'applikazzjoni tal-**artikolu 912 (1),** u ma hemm l-ebda dubju li l-ezistenza ta' l-istess kuntratt kif hemm deskritt hija elementi *sine qua non* li ghandu jigi sodisfatt u dan certament ma huwiex il-kuntratt mertu tal-kawza odjerna

ghaliex din hija bbazata biss fuq il-kuntratt tas-7 ta' Dicembru 1998.

Illi dan qed jinghad ghalhekk u wkoll ghaliex ma jistax jinghad li l-kuntratt tas-7 ta' Dicembru 1968 jista' b'xi mod jigi kkunsidrat bhala applikazzjoni jew eseguzzjoni tad-dritt ta' rkupru, izda l-istess kuntratt huwa wiehed semplici ta' trasferiment ta' proprjeta' u ta' sehem indiviz ta' proprjeta' minn persuna li mhux werriet ghall-ohra. Mkien fil-fatt mill-istess kuntratt ma jinghad li l-istess kuntratt huwa ezercitazzjoni jew konsewgenza ta' xi pretiz dritt ta' rkupru *da parte* ta' Emanuel Testaferrata de Noto.

Illi f'dan is-sens allura din il-Qorti thoss li mkien fl-istess sentenza gja citata ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **"Frederick De Noto et vs Emmanuel Testaferrata De Noto et"** ma nghad (kif jidher li l-atturi qed jghidu fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom) la li l-kuntratt tal-1968 *"jidhol fil-parametri tal-Art. 912 (3) u (4)"* u lanqas li t-talba giet michuda biss ghaliex l-istess Emanuel Testaferrata de Noto ma kienx aljenti izda akkwirent.

Illi dak li qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-istess sentenza huwa biss li huwa li l-werriet li ghandu jaghmel in-notifika skond l-**artikolu 912 (3)** u ladarba c-citazzjoni li kellha quddiemha kienet ippermjata fuq il-premessa li l-aljenat fil-kuntratt tas-7 ta' Dicembru 1968 ma ntimax il-ko-eredi b'att gudizzjarju, u l-aljenat lanqas kien il-konvenut f'dik il-kawza, mela allura l-premessi f'dik ic-citazzjoni lanqas gew ippruvati. Iktar minn hekk l-Onorabbli Qorti tal-Appell ma qalitx u certament mkien fl-istess sentenza ma qalet li l-**artikolu 912 (3) u (4)** japplika ghall-kuntratt datat 7 ta' Dicembru 1968.

Illi tant huwa minnu dan li l-istess sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell sussegwentement ghamlet riferenza ghall-kuntratt ippubblikat min-Nutar Antonio Galea datat 6 ta' Marzu 1965, (li la kien mertu f'dik il-kawza u lanqas mertu f'din il-kawza) u qalet li lanqas tista' tghid jekk tali kuntratt jaqax fil-parametri tal-**artikolu 912 (1)** ghaliex dan lanqas gie esebit u dan sostnietu ghaliex kienet konxja tal-fatt tal-

interpretazzjoni ristretta li ghandha tinghata lill-istess artikolu fid-dawl ta' dak li gie deciz fis-sentenza **"Mario Micallef et vs Joseph Difesa et".** Ghalhekk fl-opinjoni ta' din il-Qorti dan jikkonferma li *se mai* l-**artikolu 912** setgha jkun applikabbli ghall-kuntratt datat 6 ta' Marzu 1965 jekk jaqa' taht l-interpretazzjoni restrittiva ta' *"aljenazzjoni ta' kwota ereditarja"* izda qatt ghall-kuntratt datat 7 ta' Dicembru 1968 ghaliex hemm l-ebda werriet ma ghamel xi cessjoni ta' drittijiet fuq il-wirt.

Illi ghalkemm dan huwa bizzejjed sabiex fih innifsu jwassal sabiex t-talba attrici tigi michuda jinghad ukoll li l-atturi Frederick, John, u Martin Testaferrata de Noto huma l-eredi universali ta' missierhom Vincenzo Testaferrata de Noto, u la darba l-awtur taghhom kien il-wiehed li ceda *inter alia* s-sehem tieghu fil-wirt ta' Federico Testaferrata de Noto, provenjenti lilu kemm bil-mewt ta' missieru (+1935), u l-proprjeta' immobbli hemm indikati, inkluzi s-sehem mill-istess proprjeta' immobbli provjenti lilhom mill-mewt ta' hutu Francesco Testaferrata de Noto (+1939) u Alfio Testaferrata de Noto (+ 1943), mela allura anke kieku l-istess **artikolu 912** huwa applikabbli ghall-kuntratt datat 6 ta' Marzu 1965, (li bih tnejn mill-werrieta nkluz missier l-atturi ghamlu trasferiment tas-sehem taghhom mill-proprjeta' li kienet tappartjeni lil missierhom, u li giet ghandhom permezz tal-mewt ta' missierhom u ta' huthom Francesco u Alfio Testaferrata de Noto), dan ifisser li huma bhala *avendi causa* tal-istess cessonarju ma ghandhom l-ebda dritt ta' rkupru, u dan ghaliex tali dritt huwa miftuh biss lil ko-werrieta li ma jkunux cedew sehem u mhux lic-cessonarji jew l-*avendi causa* taghhom. **("Frederick, John u Martin Testaferrata de Noto vs. Emanuel Testaferrata de Noto"** – P.A. (GCD) – 6 ta' April 2001; Dan dejjem b'riferiment ghall-kuntratt tas-6 ta' Marzu 1965 u mhux ghall-kuntratt mertu tal-kawza odjerna datat 7 ta' Dicembru 1968.

Illi mhux hekk biss izda jekk wiehed ihares lejn il-kuntratt tal-1965 jirrizulta li sar minn Vincenzo u Vincenza Testaferrata de Noto lill-Pawlu Fenech kien tad-drittijiet taghhom kollha ereditarji, provenjenti lill-istess cedenti mis-successjoni ta' missierhom Frederico Testaferrata de

Noto (+26.05.1935) u kif l-istess drittijiet ereditarji ghaddew *in parte* lill-istess cedenti mis-successjonijiet ta' Francesco Testaferrata de Noto (+ 2.05.1939) u ta' Alfio Testaferrata de Noto (+13.06.1942) u kif l-istess cedenti qed ibieghu icedu u jittrasferixxu *"d-drittijiet taghhom kollha reali u personali, mill-infraskritti fondi u immobbli, provenjenti lilhom mill-istess successjonijiet"* u wara hemm diskrezzjoni tal-proprjeta' immobbli kollha inkluza fl-istess assenjazzjoni u f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li la darba l-istess **artikolu 912** huwa ta' interpretazzjoni stretta **(Vol. XXV.i.99; "Mose Calleja vs Nicola Bonnici"** - Vol.XXVI.ii.353; **"Angelo Grech et vs Luigi Vella"** – A.C. 19 ta' Novembru 2003**)** l-istess kuntratt ma huwiex qed jirreferixxi biss ghat-trasferiment ta' kwota ereditarja *se mai* ta' Federico Testaferrata de Noto, (li fil-fatt lanqas biss giet identifikata), izda wkoll ta' sehem indiviz tal-immobbli kollha ndikati li kienu ezistenti fl-assi ereditarju ta' Francesco Testaferrata de Noto, u s-sehem mill-istess proprjeta' li l-istess cedenti akkwistaw bil-mewt sussegwenti ta' huthom hemm indikati, u konsegwentement hemm l-ispecifikazzjoni tal-immobbli kollha li s-sehem indiviz taghhom gie hekk trasferit inkluz it-trasferiment ta' kull dritt reali fuq l-istess. Dan dejjem b'riferenza ghall-kuntratt datat 6 ta' Marzu 1965 li ma huwiex mertu tal-kawza odjerna.

Illi jigi rilevat li fin-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-atturi (pagna 2 paragrafu 4 u 5) jinghad li "*l-atturi odjerni huma ulied Vincent Testaferrata de Noto. Huwa u ohtu Vincenza bieghu s-sehem taghhom fil-proprjeta mertu tal-kawza fis-6 ta' Marzu 1965 (PBC 18) lil Pawlu Fenech" "5. Fil-mument li sar il-kuntratt tal-1965 Aloisia Testaferrata de Noto (nee Attard) kienet ko-eredi mal-vendituri ta' dak iz-zmien u kellha sehem indiviz fil-proprjeta' de quo".*

Illi din il-Qorti thoss li meta tara fil-kumpless tieghu l-istess kuntratt datat 6 ta' Marzu 1965 l-intenzjoni tal-partijiet kienet ukoll li jkum hemm trasferiment ta' kull sehem indiviz li c-cedenti kellhom fl-istess proprjeta' immobbiljari hemm specifikatament indikata li kienet gejja mis-successjoni ta' Federico Testaferrata de Noto (+26.05.1935) nkluz kull sehem mill-istess proprjeta' li

wasal ghand il-vendituri jew cessjonarji konsegwenti ghall-mewt ta’ Francesco Testaferrata de Noto (+ 2.05.1939) u ta’ Alfio Testaferrata de Noto (+13.06.1942) u dan anke peress li fl-istess kuntratt jaghmel riferenza ghall-ahhar zewg successjonijiet biss in kwantu jirreferixxu ghat-trasferiment biss ta’ sehemijiet mill-proprjeta’ li kienet formanti parti mill-assi ereditarju ta’ Frederico Testaferrata de Noto u b’hekk din il-Qorti thoss li l-**artikolu 912** lanqas strettament japplika ghall-istess kuntratt datat 6 ta’ Marzu 1965, lanqas kieku dan l-istess kuntratt kien il-mertu tal-kawza odjerna (li ma huwiex); b’konsegwenza ta’ dan (dejjem b’referenza ghall-kuntratt tas-6 ta’ Marzu 1965) jinghad li l-atturi lanqas jistghu jagixxu bhala eredi ta’ Aloisia Testaferrata de Noto (+11 ta’ Awissu 1975) skond it-termini tal-**artikolu 912 tal-Kap 16** u dan ghaliex l-interess ta’ l-istess kien limitat ghas-sehem indiviz tal-proprjeta’ immobiljari li qabel kienet ta’ Frederico Testaferrata de Noto u li ghaddiet ghandha bil-mewt ta’ Aloisio Testaferrata de Noto, u certament fl-istess kuntratt ma hemm ebda riferiment ghat-trasferiment ta’ kwota indiviza ta’ l-assi ereditarju ta’ l-istess Aloisio Testaferrata de Noto. Fil-kaz tal-kuntratt tas-7 ta’ Dicembru 1968 gja inghad li dan ma jaqax taht il-parametri tal-**artikolu 912.**

Illi stabbilit dan isegwi li jekk wiehed jikkonsidra li l-azzjoni attrici hija bbazata fuq l-**artikolu 912** din *se mai* setghet tigi ezercitata biss mid-data ta’ l-istess kuntratt datat 6 ta’ Marzu 1965 u ghalhekk ghadda t-terminu ta’ tlettin sena indikat fl-**artikolu 2143 tal-Kap 16**, u dan ghaliex tali terminu japplika ghal kull azzjoni u b’hekk l-azzjoni attrici hija wkoll llum preskritta; dwar l-eccezzjoni ta’ ghaxar snin abbazi ta’ l-**artikolu 845 tal-Kap 16** din il-Qorti thoss li ma ghandha x’taqsam xejn mal-kaz in ezami u dan peress li l-azzjoni attrici jidher li hija bbazata fuq l-**artikolu 912 tal-Kap 16** li ma ghandu x’jaqsam xejn mal-artikolu citat.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni abbazi ta’ l-**artikolu 845 tal-Kap 16,** tilqa’ l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni ta’ tletin sena abbazi ta’ l-

**artikolu 2143 tal-Kap 16** u tilqa' l-eccezzjonijiet l-ohra biss in kwantu l-istess huma kompatibbli ma' dak hawn deciz, u **tichad it-talba attrici** *stante* li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------